Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 136 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol tal-Ġojjellerija u l-Arloġġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbilità.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol tal-Ġojjellerija u l-Arloġġi.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-publikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha fi kwalunkwe impriża jew parti minn impriża, li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu għalkollox jew prinċipalment fl-induratura jew tinqix bid-deheb jew fidda u fil-manifattura jew tiswija ta' ġojjellerija, arloġġi u arloġġi tal-idejn:

Iżda f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-klassi ta' impjegati li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-iktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom jipprevalu.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet, għajr il-Ħdud, iddikjarati għal dak iż-żmien bħala festi pubbliċi taħt l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra; Kap. 252.

"ftehim kollettiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġojjellerija" tfisser oġġetti magħmula għalkollox jew prinċipalment jew miksijin bid-deheb, fidda, platinum jew

metalli prezzjużi oħra u tinkludi djamanti jew ħaġar prezzjuż u oġġetti ta' deheb rolled;

"ġurnata" tfisser perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa konsekuttivi li jibda minn nofs il-lejl (12.00a.m.) ta' jum u jispiċċa f'nofs il-lejl (12.00a.m.) tal-jum ta' wara;

"ħin doppju" tfisser darbtejn ir-rata attwali tal-ħin applikabbli għall-impjegati;

"ħin u nofs" tfisser darba u nofs ir-rata attwali tal-ħin applikabbli għall-impjegati;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallas minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att, għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatat mal-prestazzjoni jew mal-produzzjoni;

L.S. 452.87.

"perjodu ta' mistrieħ" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol;

"perjodu tal-impieg" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att.

Ħinijiet ta' xogħol.

3. Il-ħinijiet normali ta' xogħol tal-istabbiliment għandhom ikunu mqassma bejn is-7:30 a.m. u l-5:30 p.m. fi kwalunkwe ġurnata tal-ġimgħa bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, iż-żewġ ġranet inklużi. Is-sigħat ta' xogħol li jaħbtu s-Sibt għandhom jiġu kumpensati b'ammont ekwivalenti ta' sigħat f'time off *in lieu*.

Paga minima fil-ġimgħa ta' impjegati whole-time.

4. (1) Il-paga minima fil-ġimgħa ta' impjegati whole-time, għajr għassiesa, għandha tkun kif ġej:

(a) matul l-ewwel sentejn (2) ta' impjieg fis-sengħa..... €229.44;

(b) matul it-tielet (3) sena ta' impjieg fis-sengħa..... €233.52;

(ċ) matul ir-raba' (4) sena ta' impjieg fis-sengħa..... €235.85;

(d) matul il-ħames (5) sena ta' impjieg fis-sengħa..... €238.18.

(2) Il-paga minima fil-ġimgħa ta' għassiesa whole-time, għandha tkun kif ġej:

(a) dawk li d-dmirijiet tagħhom isiru prinċipalment ġewwa..... €344.16;

(b) dawk li d-dmiirijiet tagħhom isiru prinċipalment barra.....€346.49.

(3) Il-paga minima fil-ġimgħa ta' impjegati whole-time, għajr għassiesa, għandha tkun fir-rigward ta' ġimgħa ta' erbgħin (40) siegħa xogħol, filwaqt li dik ta' għassiesa għandha tkun fir-rigward ta' ġimgħa ta' sittin (60) siegħa xogħol.

Allowance tal-uniformi.

5. (1) Meta l-impjegat ikun meħtieġ li jilbes uniformi fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, tali uniformi għandha tkun ipprovduta mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

L.S. 646.13.

(2) It-tagħmir protettiv personali skont ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol għandu wkoll jingħata mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

Ħin minimu ta' mistrieħ ta' kuljum.

6. L-impjegati whole-time, għajr għassiesa, għandhom jingħataw intervalli għall-ikel u għall-mistrieħ ta' mhux anqas minn siegħa u nofs (1½) b'kollox fi kwalunkwe ġurnata tal-ġimgħa mit-Tnejn sal-Ġimgħa u ta' mhux inqas minn kwarta ta' siegħa (¼) nhar ta' Sibt.

Mistrieħ minimu fil-ġimgħa.
L.S. 452.87.

7. L-impjegati kollha għandhom ikunu intitolati għal perjodu ta' mistrieħ kull ġimgħa skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Ir-rati minimi ta' sahra.

8. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3:

(a) l-impjegati whole-time, għajr għassiesa, għandhom jitħallsu sahra kif ġej:

(i) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq mill-ħinijiet normali tax-xogħol tal-istabbiliment..... ħin u nofs;

(ii) għall-ħin kollu li jinħadem fil-Ħdud u fil-festi tas-soltu..... ħin doppju;

(iii) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa, ħlief xogħol li jitwettaq nhar ta' Sibt li għalih jistgħu jiġu kkumpensati bl-istess numru ta' sigħat time off *in lieu*, fi kwalunkwe ġimgħa waħda (1), eskluż minn kwalunkwe sahra li titħallas skont is-subparagrafi (i) u (ii)..... ħin u nofs;

(b) l-għassiesa għandhom jitħallsu sahra, għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn sittin (60) siegħa fi kwalunkwe ġimgħa..... ħin u nofs.

Leave għal vaganza. L.S. 452.87.

9. L-impjegat għandu jkun intitolat għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Leave għal mard.

10. (1) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tnax (12)-il ġurnata leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita

Kap. 318.

bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata*:

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza teċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-*leave* għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Kap. 318.

(2) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' erbgħa u għoxrin (24) ġurnata oħra leave għal mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għall-mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'nofs

Kap. 318.

paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*:

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(3) Il-jeddijiet tal-leave għal mard għandhom japplikaw mill-ewwel (1) jum ta' impjieg.

Iżda l-imsemmi jedd għandu jiġi kkalkulat *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(4) Il-prinċipal jista' jeħtieġ ċertifikat mediku maħruġ minn tabib tal-għażla tiegħu li jiċċertifika li l-impjegat mhux tajjeb għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza minħabba leave għal mard.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu waqfien fl-impjieg ta' mhux aktar minn xahrejn (2) ma għandux jinterrompi l-kontinwità tas-servizz.

(6) Il-jedd ta' leave għal mard għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. L.S. 452.87.

11. L-impjegat għandu jkun intitolat għall-ħlas tar-rimunerazzjoni minima applikabbli għalih għal ħinijiet kollha li matulhom jkun preżenti fil-fond tal-prinċipal tiegħu jew x'imkien ieħor sakemm ma jkunx preżenti hemm f'waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin: Ħin ta' stennija.

(a) mingħajr il-kunsens espress jew impliċitu tal-

prinċipal;

(b) għal xi raġuni li ma hijiex relatata max-xogħol tiegħu u ma jkunx qiegħed jistenna li jiġi assenjat lilu x-xogħol;

(ċ) unikament għall-fatt li hu residenti hemmhekk;

(d) matul il-ħinijiet tal-ikel tas-soltu f'kamra jew f'post fejn ma jkun qed jitwettaq l-ebda xogħol jew mhux qiegħed jistenna li jiġi assenjat lilu xi xogħol;

Tipi ta' leave oħra.

L.S. 452.101.

12. L-impjegati għandhom ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-festi pubbliċi kollha b'paga sħiħa, kull forma ta' leave skont ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' Leave Speċjali u għal kull forma oħra ta' leave ieħor li tista, minn żmien għal żmien,tiġi stipulata f'Ordni ta' Standard Nazzjonali jew f'regolamenti magħmula taħt l-Att.

Tħassir u riżervi.
L.S. 452.31.
L.S. 452.56.

13. L-Ordni għal Kunsill tal-Pagi tal-Ġojjelliera u Arloġġara u l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi tal-Ġojjellerija u Arloġġi biex jirregola l-Pagi huma b'dawn imħassra bla ħsara għal dak kollu li li sar jew naqas milli jsir taħthom.